MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 259/2001/1

Avviz Nru:  259/2001 DM

Registratur tal-Qrati

vs

Mario Buontempo

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ghad-disprezz lejn l-awtorita ta’ din l-Qorti meta, fil-20 ta’ Marzu 2001, il-konvenut ma halliex lil Michael Micallef, Marixxal tal-Qorti, jghamel id-doveri tieghu, meta huwa mar ghand Buontempo Tours ta’ Triq San Pawl, il-Belt, Valletta, sabiex jeleva oggetti maqbuda fl-atti tas-Subbasta nru 319/00, u ostakolah fil-qadi ta’ dmirijietu billi beda jghajjat mieghu u jirrispondih u anke keccih ‘l barra minn fejn kien, skond rapport ta’ l-istess

Marrixxal (dok A) u dan b'ordni tal-Qorti, moghti fit-22 ta' Marzu 2001 (dok B) biex jibdew dawn il-proceduri.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Dicembru tas-sena 2001 fejn il-konvenut ta ruhu b'notifikat u kkontesta l-akkuza.

Rat id-dokumenti esebiti komprizi l-atti tas-Subbasta Nru 319/00MM

Semghet il- provi li gew prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti mill-attur, senjatament ir-rapport tal-Marrixxal Michael Micallef tal- 20 ta' Marzu tas-sena 2001 u d-deposizzjoni tal-istess Marrixxal, jirrizulta illi l-ilment principali tal-Marrixxal fil-konfront tal-konvenut, Mario Buontempo iktar jirrigwarda agir imprudenti tal-istess konvenut milli resistenza attiva ghall-esekuzzjoni tal-mandat kif kien inkarigat li jghamel il-Marrixxal.

Infatti l-ilment principali huwa illi l-konvenut beda jghajjat ossia jgholli lehnu u anke stieden lill-Marrixxal biex johrog il-barra mill-ufficju minn fejn kellu jeleva l-oggetti indikati fil-mandat u dstinati ghall-bejgh in subasta.

Ma jirrizultax illi l-Marrixxal f'xi hin ghada biex jeleva l-oggetti u gie mpedut jew infixkel mill-konvenut. Dan gie anke ikkonfermat minn Antoine Gera li kien qieghed jassisti lill l-istess Marrixxal Michael Micallef f'din esekuzzjoni.

Evidentement f'din l-esekuzzjoni l-Marrixxal Michael Micallef ma kellux bzonn specifikament li jitkellem ma Mario Buontempo u wisq inqas li jitlob l-assistenza tal-konvenut biex jghaddi ghall-esekuzzjoni, izda kien bizzejjed ghall-Marrixxal illi jaccedi fil-fond fejn kien hemm l-oggetti ghall-elevazzjoni, jiddentifika l-istess oggetti u jelevahom.

Infatti ma jidhirx illi l-istess Marrixxal Michael Micallef, meta mistieden mill-istess konvenut biex johrog barra mill-ufficju li kien qieghed jigi gestit mill-istess konvenut, talab xi assistenza ta' xi awtorita kompententi ghas-sorveljanza f'kaz illi l-konvenut ifixkel jew jimpedixxi li ssir l-elevazzjoni tal-oggetti indikati fil-mandat.

Min-naha l-ohra l-konvenut jsosstni, li ghalkemm setgha stieden lill Marrixxal  biex  effettivament johrog mill-ufficju tieghu, minn fejn kellhu jeleva l-oggetti, huwa jsosstni li ghamel dan billi l- Marrixxal Michael Micallef, meta nformat illi l-esekutat Pierre Buontempo ma kienx prezenti, irrisponda b'xi kliem illi gew interpretati mill-konvenut f'sens spregjattiv u ghalhekk, minhabba dan id-disgwid, stieden lill Marrixxal biex ma jibqax iktar fl-ufficju u anke minhabba  li kellu wkoll xi klient fl-ufficju.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet il-Qorti ssib illi dak li jirrizulta l-iktar verosimili mill-provi prodotti huma li effettivament il-konvenut, xi ftit sorpriz bl'esekuzzjoni ta' mandat fl-ufficju tieghu ghall-debitu ta ibnu u anke f'mument meta kien miftugh ghax-xoghol bil-klienti fl-istess ufficju, hass ruhu xi ftit urtat bin-nuqqas ta' preavviz da parti tal-Marrixxal li min-naha tieghu setgha ghazel hin iktar felici ghall-esekuzzjoni u anke setgha jevita wkoll, jew almenu jillimita, l-kuntatt tieghu mall-konvenut meta d-debitur esekutat ma kienx prezenti.

Inoltre, ghalkemm ghandhu jinghad illi l-agir tal-konvenut xorta wahda ma kienx wiehed korrett fil-konfront tal-ufficjal esekutant, ma jidhirx illi ghamel xi opposizzjoni ghall-elevazzjoni materjali tal-oggetti u infatti l-marrixxal esekutant lanqas ma talab l-assistenza ta' l-awtorita' kompetenti biex jista' jaqdi d-dmir tieghu izda mill-ewwel ghada ghar-rapport dwar l-incident.

Il-Qorti ghalhekk issib illi l-agir tal-konvenut ma jinkwadrax ruhu fl-estremi tad-disprezz kif kontemplat mill-ligi u, ghalkemm kif digia intqal l-istess agir m'ghandhux jitqies bhala agir korrett fil-konfront tal-ufficjal tal-Qorti, qedgha tissorvola l-incident in kwistjoni minhabba c-cirkostanzi li fihom sab ruhu l-konvenut kif digia fuq  intqal.

Ghaldaqstant qedgha tichad it-talba tal-attur izda dwar l-ispejjez tordna li dawn jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------